**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Seduta San Ġiljan**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Carmel Sghendo, detentur tal-Karta tal-Identita numru 501466M**

***Każ Nru.: 532/2025***

Illum, 28 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioè talli:

> Nhar it-27 ta' Ottubru 2024, ghall habta ta' 2348hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-istabbiliment ''Clique Club' gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan u/jew f'dawn il-Gzejjer:
>
> 1. Ħadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat, gwardjan specjalizzat jew gwardjan privat f'post ta' divertiment, jew ufficjal tal-komunita minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita. Art.25(b) Kap.389

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien

xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab ħtija w u taċ-ċirkostanzi kolha tal-kaz.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 25(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah multa ta' **elf Ewro (€1,000)** li għandha titħallas fi zmien sena millum.

A tenur tal-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb, dik il-licenzja għal żmien xahrejn (2) millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**